# ŻEWĠ KOTBA ĠODDA GĦALL-ADULTI… U L-AĦĦAR ĠURNATA TAL-FESTIVAL

## U TISBAĦ MISSIER… TA' SERGIO GRECH

Is-sehem tal-missier fit-trobbija tal-ulied inbidel ferm minn kif kien dari u qiegħed dejjem aktar jikber. Illum il-preżenza tal-missier huwa kruċjali waqt it-tqala tal-mara, waqt il-ħlas u anke fl-ewwel ftit jiem meta t-tarbija titwieled u naturalment anke wara. Niftiehmu, rridu nirrikonoxxu l-fatt li hija l-mara li tgħaddi minn 9 xhur tat-tqala u l-uġigħ tal-ħlas. Dan il-fatt l-awtur jirrikonoxxih ukoll. Pero' donnu l-preparazzjoni tas-soċjeta' għal meta raġel ikun qed jaħseb bħala missier għal uliedu, għadha mhux biżżejjed. Jiena niftakar li meta uliedi twieldu, ma kontx insib ngħidu aħna barra fejn inbidlilhom jekk jinqala' l-bżonn. Imma qabel ma niżvolġi aktar dwar dan, ma nistax ma nsemmix il-ħrejjef relatati mat-tqala (p.14-21), bħallikieku f'ċirkostanzi mhux straordinarji l-mara għandha tibqa' tistrieħ fis-sodda, kif ukoll dawk relatati mal-ikel.

Għalkemm kif insibu fil-ktieb bosta jgħidulek li t-tfal "aħjar żgħar milli kbar" (p.29), ma jfissirx li s-snin bikrin huma faċli. Anzi! Ilkoll niftakru xi ftit jew wisq l-imbarazz mal-art u l-imġieba mhux dejjem kif nixtiquha aħna. U Grech anke xi kisra mit-tfal isemmi f'xi ħanut! (p.31). Ta' min wieħed jgħid li t-tfal illum m'għadhomx kif kienu dari. Jaħsbu aktar b'rashom, jagħmlu aktar ta' rashom u ċerta ubbidjenza ta' żmienna m'għadhiex li kienet.

"Jien crackers irrid"
"Il-ħobż kien niexef"
"Il-ġobon mhux tajjeb"
"Xbajt mill-perżut" (p.48).

Xi mumenti fil-ktieb iġibulek ftit diqa bħal meta t-tfal jimirdu jew l-operazzjoni tat-tifla tiegħu (p.139). Dawn huma l-mumenti li jgħix kull missier; mumenti li jferrħuk, daqs kemm kultant ukoll jiġu dawk il-waqtiet li tħoss qalbek muġugħa, li tinkwieta u ġieli wkoll taqbiżlek demgħa.

Il-kitba ta' Grech f'dan il-ktieb huwa wieħed mexxej ħafna. Imma bis-sempliċita' tiegħu dan il-ktieb jiddokumenta wkoll bosta frażijiet assoċjati ħafna mat-tfal u mat-trobbija tagħhom, eżempji "It-tfal mal-qalb" (p.57) jew "Il-fsied iħassar l-ulied" (p.130). Għalkemm din tal-aħħar żgur li mhux il-fehma tal-awtur li jistaqsi, "X'hemm ħażin li l-imħabba tesprimiha?" Li kieku qatt ma qrajna ktieb ieħor ta' dan l-awtur, il-paragrafi fejn l-awtur iwassal l-argument jixhdu kemm l-awtur iħaddem sew il-lingwa. Iżda l-awtur ma qgħadx lura milli fit-taħdit tat-tfal jew mat-tfal, iwassal il-Malti u l-Ingliż kif mitkellem fid-djar tagħna. Irrispettivament minn kull argument lingwistiku, din hija wkoll dokumentazzjoni tat-taħdit bejn it-tfal u l-ġenituri tagħhom f'dan iż-żmien. Bħala persuna li tinteressani l-evidenza u l-esperjenza, liema qasam jien kompetenti fih aktar minn dak lingwistiku, dan il-fatt jinteressani ħafna.

Lil hinn minn kull analiżi, l-ktieb huwa ġabra ta' rakkonti ta' missier. Għaldaqstant hawnhekk qed naraw lil Grech differenti ħafna minn dak li konna mdorrijin s'issa. Sergio Grech, għalkemm esperimenta b'bosta ġeneri letteraji, jibqa' ħafna assoċjat mar-riċerka tiegħu fosthom is-Sensiela Bejn Storja u Miti. Hawnhekk għandna lil Sergio Grech, il-persuna aktar milli l-awtur jew ir-riċerkatur. Qed jirrakontalna dak li jgħaddi minnu missier, bl-entużjazmu, l-għejja li jġib miegħu dan l-irwol




imma fuq kollox ħafna u ħafna mħabba.

Il-maġġoranza tar-rakkonti huma espisodji ħelwin, imma fost dawn hemm ukoll dawk li jġibulek tbissima:

"Pa, jien ta' 7 snin se nitwal iktar?

Ma nafx x'se tagħmel imma hekk suppost hux.

Pa, allura int ta' 43 mhux suppost itwal?" (p.175)

"Nieħu lit-tifel miegħi biex nimposta ittra. Kif naslu fejn il-kaxxa tal-ittri jgħidli:

Ħa narmiha jien, Pa!"

(p.179)

Fil-fehma tiegħi dan huwa ktieb ħelu, ċertament differenti għal kollox minn xogħolijiet oħra li mdorrijin bihom ta' dan l-istess awtur. F'dan il-ktieb wieħed ma jistenniex xi analiżi filosofika, pero' lanqas xi parir professjonali dwar it-trobbija tal-ulied.

Hawnhekk għandna qari leġġer, rakkonti mill-ħajja ta kuljum tat-tfal, li bħala qarrejja niggostaw u forsi wkoll nirrelataw magħhom.

Grech jiddokumenta forsi l-għeżeż mumenti ta' ħajtu daqs kemm huma ta' ħajjitna, bis-sabiħ u anke b'dak li huwa aktar iebes u forsi wkoll ta' biki u diqa.

Fuq kollox it-tfal ħelwin fis-sempliċita' u l-onesta' tagħhom u dak huwa li l-awtur irnexxielu jippreżentalna.